MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Numru 892/2006

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)
vs
Frank Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Frank Spiteri detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 461657M, akkuzat talli:

F’Marzu 2006 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta’ manifattura, jew xjentement, ghamel uzu ta’ dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 18, 298(1),(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat ta’ falsifikazzjoni ai termini tal-Artikolu 298(1)(b) tal-Kap 9 liema reat huwa wiehed kontinwat.

Jirrizulta mill-atti li l-proceduri kriminali kontra l-imputat ittiehdu fuq kwerela tal-kwerelanti s-socjeta’ Attard & Co. Il-kwerela giet illum irtirata stante illi l-misfatt li bih l-imputat gie akkuzat, fi kliem l-Managing Director tas-socjeta’ kwerelanti, ma jirrizultawx.

In vista ta’ dan din il-Qorti tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------